# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 308/2013**

Il-Pulizija

vs

**George Bonello**

iben George, imwieled Pieta', fit-12 ta' Marzu, 1956, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 193856(M)

Illum24 ta' April, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant George Bonello quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fi 17.10.20 l2 għall-ħabta ta' 16.15hrs fl-inħawi ta' San Gwakkin Irnrieħel l/o Qormi

l ) Ħebb kontra Joseph Bonello sabiex jingurjah idejjqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew ħaddiehor

2) U aktar talli ġewwa l-għassa Ħal-Qormi inġurja u hedded lil Joseph Bonello bil-kliem

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-24 ta' Ġunju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 sabet lill-imputat ħati u kkundannatu €58 ammenda. Rat l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-imputat George Bonello b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 500 li jżomm il-kwiet ma' Joseph Bonello għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti George Bonello ppreżentat fit-2 ta' Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma 1i huwa mhuwiex ħati tal-ewwel akkuża u kwindi tikkonferma l-liberazjoni tiegħu minnha, tħassar u tirrevoka s-sentenza msemmija fir-rigward tat-tieni akkuża u minflok tiddikjara lill-esponenti mhux ħati minnha u kwindi tilliberaħ minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponenti bl-aktar mod assolut u emfatiku jiddikjara li huwa fl-ebda ħin ma nsolenta jew hedded lil ħuh Joseph Bonello, la meta kien fl-eghlieqi fl-Imrieħel u lanqas meta kien l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi. Fiż-żewġ okkazzjonijiet l-esponenti ġie sorpriż, l-ewwel meta ġie attakkat fiżikament waqt l-aċċess, kif ukoll meta ħuh daħal fuqu fl-Għassa tal-Pulizija. Fiż-żewġ okkazzjonijiet kien dejjem Joseph Bonello li aggredixxa lill-esponenti u mhux viċi versa. Fiż-żewġ okkazzjonijiet l-esponenti kien qed isegwi direttivi legittimi l-ewwel dik li jattendi għall-aċċess ordnat mill-Qorti, u t-tieni li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-avukat tiegħu billi jirrapporta l-inċident li seħħ fl-għelieqi fl-Imrieħel.

Illi f'dak li jirrigwarda biss l-inċident li seħħ fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal-Qormi, għax dan l-appell jirrigwarda biss dan l-inċident, jingħad li l-unika xhud ex parte huwa PS 856 Conrad Falzon li xehed b'affidavit. Dan ix-xhud imkien ma jsemmi' fl-affidavit tiegħu li huwa sema' lill-esponenti jinsolenta jew jhedded lil Joseph Bonello, u dan meta dan ix-xhud kien viċinissimu taż-żewġ persuni tant illi firidhom. Ix-xhud jgħid biss li kien Joseph li qalli "kif inkorra lejn l-għassa rispettiva, ħuh George avviċinah u qabad jinsulentah permezz tal-kelma "pufta ". bil-

konsegwenza li qabdu jagħtu u ġew eventwalment mifrudin f'żewġt ikmamar separati mill-Puliżija kkonċernati. " (vide żewġ paragrafi rnill-aħħar tal-affidavit).

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena erogata mill-Ewwel Qorti lill-appellant għat-tieni akkuża.

Ili dan il-każ hu wieħed sommarju tad-distrett ta' Ħal Qormi. F' dan il-każ ġiet rekordjata u traskritta x-xhieda kollha cioe' dik ta' Joseph Bonello, Saviour Bonello u Dr Frank Cassar ħlief dik tal-appellant għax kien hemm qbil bejn il-partijiet li dan ma jsirx (fol 27). Għalhekk din il-Qorti kellha tisma' ix-xhieda tal-appellant mill-ġdid. Dan ifisser ukoll li ma hemm ebda kontroll fuq il-mod jew fuq il-kontenut tax-xhieda.

F'din is-sitwazzjoni jkun prattiku li teżamina x-xhieda mill-ġdid. Mill-atti tal-proċess jirriżulta dan li ġej minn dak li qalu d-diversi xhieda bil-ġurament tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu Joseph Bonello quddiem l-Ewwel Qorti ċaħad li qatt attakka l-appellant x' ħin wasal flimkien mal-Perit Musumeci u l-Avukat Dr Frank Cassar. Matul ix-xhieda tiegħu a folio 12 tal-proċess meta ġie mistoqsi x'ġara ġewwa l-għassa huwa jgħid li ħuh George Bonello qallu 'pufta' pero' ma jsemmix theddid.

Fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti Saviour Bonello jistqarr li peress li baqa' l-għalqa jagħlaq dam ma mar l-għassa ta' Ħal Qormi u għalhekk ma leħaqx x'ġara fl-għassa bejn ħutu Joseph u George Bonello.

Illi meta xehed quddiem din il-Qorti l-appellant George Bonello stqarr li meta waslu għal aċċess kif orndat mill-Qorti Ċivili Prim'Awla ġew attakati hu, l-Perit Musumeci u l-avukat tiegħu Dr Frank Cassar minn ħutu Saviour Bonello u Joseph Bonello. Illi kellhom jirriversjaw bil-karozzi rispettivi tagħhom minn ġot-triq għax bdew jibżaw mir-reazzjonijiet tagħhom. Lil Dr Frank Cassar, Saviour Bonello għamillu idejh ma' wiċċu u Joseph Bonello beda jagħti bil-ponn fuq il-van tiegħu. Wara dan l-akkadut huwa baqa' sejjer l-għassa ta' Ħal Qormi sakemm stenna ftit daħal ħuh Joseph Bonello u beda jgħajru. Daħal Pulizija u ħuh qallu li kien qed jgħajru.

L-appellant baqa' jinsisti li qatt ma kienu ġew fl-idejn u li qatt ma hedded jew insulentah. Il-Pulizija qalilhom biex jiefqu u sseparhom. Inoltre, l-appellant fir-rigward tal-affidavit ta' PC 856 jgħid li fl-ebda mument ma qabdu jagħtu hu u ħuh kif iddikjara s-surgent u lanqas ma għajru.

Mix-xhieda mogħtija minn Joseph Bonello quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dik ta' George Bonello quddiem din il-Qorti tidher konfliġġenti .

L-Avukat Generali minn naħa tiegħu ssottometta li l-Ewwel Qorti setgħet ragjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

Għaldaqstant, peress li jidher li hemm diskrepanza bejn ix-xhieda mogħtija, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward tat-tieni akkuża u teħles lil George Bonello minn kull ħtija u piena. Tikkonferma s-sentenza appellata dwar l-ewwel akkuża.